**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Marzu, 2017

Rikors Konġunt Nru : 14/17AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi r-rikorrenti kkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar it-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) bir-rit civili gewwa l-Casino Maltese Valletta.

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt twenty seventh (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) ippubblikat min-nutar Dr Katya Bezzina liema kuntratt qieghed jigi hawn esebit u mmarkat bhala **DOK NR1.**

Illi r-rikorrenti ilhom aktar minn erba' snin legalment separati, u dan ai termini ta' l-artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minn dan iz-zwieg ma kien hemm l-ebda ulied.

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli li ssir rikonciljazzjoni bejn il-partijiet rikorrenti. Fil-fatt, l-esponent ghandu relazzjoni ma' persuna ohra liema relazzjoni ilha ghaddejja ghal aktar minn sentejn.

Illi bejn il-partijiet ma hemm ebda kwistjoni ta' manteniment pendenti bejniethom.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijet permezz ta' divorzju, kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet ai termini tal-Ligi;

Illi l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez tal-prezenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Frar, 2017;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara illi ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Mejju 2011;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.